MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 954/2009

**Ballut Blocks Services Limited (C8360).**

**vs**

**JPM Brothers Limited (C31612).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Ballut Blocks Services Limited datata 2 ta' Ottubru 2009 a fol. 1 tal-process fejn gie eccepit:-

Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' mija u tlieta u disghin elf sitt mija u sitta u hamsin ewro u sebgha u tletin centezmu (€193,656.37) rapprezentanti bilanc ta' diversi partiti mhux imhallsa fuq kont kurrent miftuh bejn is-socjeta` konvenuta u s-socjeta`

attrici, u dan kif jirrizulta mill-anness *statement* (Dok. “BBSI”) u l-annessi dokumenti (Dok “BBS2” sa “BBS11”).

Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-istess socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-**artikoli 167** sa **170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma tal-istess socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta m’ ghandhiex ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont hija baqghet inadempjenti u ma halsitx.

Dawn il-fatti huma maghrufa lill-attrici personalment.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-**artikolu 167** sa **170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta li thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta’ mija u tlieta u disghin elf sitt mija u sitta u hamsin ewro u sebgha u tletin centezmu (€193,656.37) rapprezentanti bilanc ta’ diversi partiti mhux imhallsa fuq kont kurrent miftuh bejn is-socjeta` konvenuta u s-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju kontestwalment prezentat, *oltre* l-imghaxijiet legali sal-jum tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta` konvenuta rapprezentanti ta’ liema huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebiti a fol. 4 sa fol. 16 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2009.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta datata 28 ta’ Ottubru 2009 li biha ammettiet it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat, tali nota pprezentata minn Dr. Tiziana Filletti ghas-socjeta` konvenuta *seduta stante*.

Billi mill-ammissjoni tal-socjeta` konvenuta, t-talba dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta tiddeciedi billi **tilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici** kif dedotti fir-rikors guramentat.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------